MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 356/2008

**Avukat Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Louis Vuitton Malletier.**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-28 ta' April 2008 gew nominatl bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' SARL Chagroune Et Maouche Import-Export El - Eulma Algerie.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Louis

Vuitton Malletier, datat 11 ta' April 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta' rikorrenti Louis Vuitton Malletier, ta' 2, Rue du Pont Neuf, 75001 Paris, ta' Franza hija proprjetarja tal-markji "LOUIS VUITTON", "LV LOGO", "TOILE MONOGRAM", u "TOILE DAMIER" liema markji huma wzati minn din is-socjeta' fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben u sandlijiet, oggetti tal-gilda u prodotti ohra skont kif jidher mid-Dokument "A", d-Dokument "B", d-Dokument "C", d-Dokument "D", d-Dokument "E", d-Dokument "F", u d-Dokument "G";

Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji "LOUIS VUITTON", "LV LOGO", "TOILE MONOGRAM", u "TOILE DAMIER" fil-komplessita` taghhom irregistrati f'Malta taht *Trademark No. 36608, Trademark No. 36609, Trademark No. 27445, Trademark No. 27446, Trademark No. 27443, Trademark No. 27444 u Trademark No. 37570* fir-Registru tal-Markji, skont l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri minn Dok. "A" sa Dok. "G"), *ai termini* tal-**Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi jirruzulta li fit-22 ta' Frar 2008 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM YLANG", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret li jgibu l-markji "LOUIS VUITTON", "LV LOGO", "TOILE MONOGRAM", u "TOILE DAMIER" liema konsenja tikkonsisti fi tlett elef mitejn u ghoxrin (3,220) bicciet f'basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret b'*Container* Numru CMAU1015503 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-**Artikolu 4 tal-KAP. 414**;

Illi mill-Polza ta' Karigu Numru GZ2200758 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni huma ndikati bhala SARL Chagroune Et Maouche Import-Export El -Eulma Algerie, mentri d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Yiwu China Small-Commodities City Trading Co.,Limited;

Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit skont l-**Artikolu 4 ta' l-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dawn il-basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti, skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii), tal-Kap. 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markji "LOUIS VUITTON", "LV LOGO", "TOILE MONOGRAM", u "TOILE DAMIER", billi nstab illi dawn l-istess basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret huma prodotti ffalsifikati skont l-analizi li ghamlet is-socjeta' rikorrenti (ara rapport ta' analizi mmarkat bhala Dokument "H");

Illi din il-konsenja ta' basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-'New Port Bonded Stores', Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "J");

Illi l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati (skond **l-artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414)**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi tali basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-**Artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)**) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4 tal-istess Kap. 414** fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numri 36608, 36609, 27445, 27446, 27443, 27444 u 37570 tal-Marki "LOUIS VUITTON", "LV LOGO", "TOILE MONOGRAM", u "TOILE DAMIER";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret iffalsifikati da parti tas-socjeta' intimata u li tikkonsisti fi tlett elef mitejn u ghoxrin (3,220) bicciet f'basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggi l-basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-basktijiet ossia “*handbags*”, portmonijiet ossia “*purses*”, portafolji ossia “*wallets*”, *foulards* u brieret in kwestjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap. 414**;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 5 sa fol. 29 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* datat 11 ta’ April 2008 a fol. 33 tal-process fejn is-socjeta` rikorrenti talbet li l-Qorti tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` intimata SARL Chagroune Et Maouche Import-Export El-Eulma Algerie, fl-atti tar-rikors u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` CMA CGM Agencies Worldwide; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro nnominat lill-Avukat Dr. Richard Sladden u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi; dan b’digriet moghti fit-28 ta’ April 2008 kif jidher a fol. 34 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2008.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 9 ta’ Settembru 2008 a fol. 53 tal-process fejn esponew:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mas-socjeta` assenti konvenuta;

2. Illi ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjeta` attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz tas-socjeta` konvenuta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li l-affarijiet kollha, indikati fir-rikors guramentat huma kontrafatti u / jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat illi l-affarijiet mertu ta' din il-kawza gew realment ordnati mis-socjeta` konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda u zewg dokumenti annessi a fol. 53 sa fol. 56 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Ottubru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri li ddikjara li m'ghandux iktar provi u lanqas informazzjoni ohra dwar is-socjeta` intimata. Deher ukoll Dr. Richard Sladden bhala kuratur li nforma l-Qorti li pprova jikkomunika mal-intimat izda baqa' bla risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici hija proprjetarji tal-markji indikati fir-rikors guramentat “LOUIS VUITTON”, “LV LOGO”, “TOILE MONOGRAM”, u “TOILE DAMIER” liema markji huma wzati minn din is-socjeta' fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben u sandlijiet, oggetti tal-gilda u prodotti ohra u li l-istess huma registrati Malta (Dok. “A” sa Dok. “G”) u li fit-22 ta' Frar 2008 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM YLANG”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' basktijiet ossia “*handbags*”, portmonijiet ossia

"*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret li jgibu appuntu l-markji "LOUIS VUITTON", "LV LOGO", "TOILE MONOGRAM", u "TOILE DAMIER" liema konsenja kienet tikkonsisti fi tlett elef mitejn u ghoxrin (3,220) bicciet f'basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret f'*Container* Numru CMAU1015503 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-ligijiet indikati u relattivi nkluz l-**artikolu 4 tal-KAP. 414**; jirrizulta wkoll li l-istess oggetti gew mizmuma mill-ufficjali tad-Dwana fis-26 ta' Frar 2008 (affidavit ta' George Agius – Dok. "GA1"), u li meta kampjuni tal-istess gew ezaminati (Dok. "H") irrizulta li l-istess oggetti huma foloz u ghalhekk il-pretensjoniiet attrici gew ippruvati u fil-fatt lanqas gew b'xi mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz, u ghall fini tas-sitt talba ssir riferenza wkoll ghall-prospett fl-ammont ta' 1,276.91 Euro (Dok. "DT 2") – Dok. "PR 1" sa Dok. "PR 3").

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati **(artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414)**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi tali basktijiet ossia "*handbags*", portmonijiet ossia "*purses*", portafolji ossia "*wallets*", *foulards* u brieret iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini**)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4 tal-**

**istess Kap. 414** fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numri 36608, 36609, 27445, 27446, 27443, 27444 u 37570 tal-Marki “LOUIS VUITTON”, “LV LOGO”, “TOILE MONOGRAM”, u “TOILE DAMIER”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja basktijiet ossia “*handbags*”, portmonijiet ossia “*purses*”, portafolji ossia “*wallets*”, *foulards* u brieret iffalsifikati da parti tas-socjeta’ intimata u li tikkonsisti fi tlett elef mitejn u ghoxrin (3,220) bicciet f’basktijiet ossia “*handbags*”, portmonijiet ossia “*purses*”, portafolji ossia “*wallets*”, *foulards* u brieret, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana a bazi tal-ewwel tlett talbiet attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-basktijiet ossia “*handbags*”, portmonijiet ossia “*purses*”, portafolji ossia “*wallets*”, *foulards* u brieret in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ intimata skont l-**Artikolu 8 tal-Kap. 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba in vista ta’ dak gja provdut fit-talbiet precedenti.

6. Tordna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-basktijiet ossia “*handbags*”, portmonijiet ossia “*purses*”, portafolji ossia “*wallets*”, *foulards* u brieret in kwestjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana nkluzi dawk inidkati fl-ammont ta’ elf, mitejn, u sitta u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€1,276.91) skond it-termini tal-**Kap. 414**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------